

# PROGRAMM
## TAL-FESTI SOLENNI LI JSIRU FIL-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA

F'GIEH

# SANTA MARIJA
## PATRUNA TAR-RAĦAL

**30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu 1976**



# Philips vario-heat irons save your laundry

The HD 1203 is the top model in the Philips Vario-Heat iron range. This steam-and-spray iron provides the correct heat for any fabric by means of the vario-heat knob. And the correct moisture content is infused into the material by the saturated steam.
These two features are the basic requirements for perfect ironing.



Some other features of the HD 1203:

- high steam output and additional spray system
- instant changeover from steam to dry ironing
- pilot light
- short warming-up time, hence lower electricity costs
- corrosion-resistant sole plate
- swiveltop cord outlet for easy handling and safety.

**PHILIPS**

**PHILIPS SHOWROOMS**

**282, Republic Street, Valletta**

**and Philips dealers throughout Malta & Gozo**

# ITTRA MIFTUHA....
## MILL-KAPPILLAN....

Għeżież Imqabbin,

ħalluni niftaħ qalbi magħkom, fl-okkażjoni tal-festa tal-Parroċċa, issa li ġa ili sena u tlett xhur fostkom. U nixtieq nibda b'silta mill-ewwel ittra li San Pawl kiteb lill-Insara ta' Korintu:

> Nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu, biex tkunu taqblu fi kliemkom u ma jkunx hemm firdiet fostkom. Kunu magħqudin kif imiss, ruħ waħda u fehma waħda. Ħuti . . . qaluli fuqkom li fostkom hemm it-tilwim: irid ngħid jien, li kull wieħed minnkom qiegħed igħid, "Jiena ta' Pawlu", "U jiena ta' Apollo," "U jiena ta' Kefa", "U jien ta' Kristu". Jaqaw Kristu mifrud?

Ġibt din is-silta għax f'din is-sena li ili kappillan tagħkom innutajt b'dispjaċir li l-parroċċa tagħna hija parroċċa maqsuma. Għadha ma tistax tinżilli kif meta jaslu l-festi, ta' naħa jħarsu bl-ikrah lejn tan-naħa l-oħra. Jiruk biċ-ċar li m'humiex jieħdu gost b'dak li qed isir.

Ma nistax nifhem għaliex xi wħud waqt il-marċi, biex jagħmlu l-briju, jridu jinsultaw lil tan-naħa l-oħra.

Imma l-aktar li jiddispjaċini hu b'dak it-taqbil kollu botti waqt il-purċissjonijiet, speċjalment fil-ħruġ u fid-dħul. Ma nafx xi glorja nisgħu nagħtu lill-Madonna b'din l-imġiba, biex ma nsemmix l-iskandlu li qed nagħtu lill-barranin li jkunu hawn fostna.

Saħansitra ġol-knisja ninqasmu. Ta' partit joqogħdu fuq naħa u tal-partit l-ieħor joqogħdu fuq naħa oħra.

Quddiem din is-sitwazzjoni li qed taqsam il-parroċċa, infittxu, kif kien jgħid il-Papa Ġwanni, dak li jgħaqqadna, mhux dak li jifridna.

U hemm ħafna mezzi li jistgħu jgħaqqduna bejnietna. Biżżejjed insemmi xi ftit minnhom:

(1) qabel m'intom ta' partit jew ta' ieħor, intom Imqab-

bin. Għalhekk kunu għajjurin għar-raħal tagħkom. Ibżgħulu għall-fama; żommuh nadif, tħallux il min irid iħassar l-ambjent li fih irridu ngħixu.

(2) Mezz ieħor huwa t-tolleranza. Issib min jgħid kontra l-partiti. U m'hemmx dubju, kieku ma kenux jeżistu, kien ikollna problema inqas xi nsolvu. Iżda għall-magħmul m'hemmx kunsill, kif jgħidu! La l-partiti jeżistu, neħtieġu doża qawwija ta' tolleranza biex ngħixu fil-paċi ma' xulxin. Għalhekk, evitaw il-kliem kollu li jweġġa'. Qabel tagħmlu xi ħaġa, fittxu li ma tagħmluhiex b'intenzjoni ta' pika, iżda b'intenzjoni tajba. Kunu ta' qalb kbira li tifraħ bissabiħ u tfaħħar it-tajjeb tal-ieħor; kunu ta' qalb kbira li tiddejjaq meta xi ħaġa ma tmurx tajjeb fuq in-naħa l-oħra.

Fl-aħħarnett, lis-saċerdot ħalluh il barra u 'l fuq millpartiti, għax is-saċerdot jeħtieġlu jkun ta' kulħadd u jaħdem ma' kulħadd.

Nagħlaq din l-ittra billi nagħmel appell lill-parruċċani kollha, speċjalment lil dawk li huma mbegħdin mis-sagramenti, biex japprofittaw ruħhom mill-ġranet tal-festa billi jagħmlu qrara u tqarbina tajba. J'Alla l-Madonna tixħet ilbarka tagħha fuq il-familji kollha tal-Imqabba

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

Dejjem Tagħkom
**Dun Anton Vella**
Kappillan

# FESTI TA' BARRA

**Ġimgħa, 30 ta' Lulju**

Fis-7.30 p.m. Ħruġ tal-istatwa ta' Sta. Marija fil-Knisja. Wara, l-**Banda King George V** tagħmel marċi briġużi mat-toroq prinċipali kollha tal-Imqabba. Mixgħela tal-Knisja, Pjazza u Każin King George V.

**Ħamis, 12 ta' Awissu**

Wara l-funzjoni tal-Knisja, il-**Banda Mater Maria Gratia** ta' Ħaż-Żabbar tagħmel marċi mar-Raħal.

**Ġimgħa, 13 ta' Awissu**

Wara l-funzjoni tal-Knisja, l-**Banda King George V** tagħmel marċi u ddoqq fil-Pjazza tal-Knisja taħt id-direzzjoni tas-Surmast **Kav. George Martin A. Mus., L.C.M.** Jindaqq ukoll l-**Innu lil Santa Marija Assunta**. Wara, ħruq ta' logħob tan-nar fil-Pjazza tal-Knisja. Mixgħela ġenerali.

**Sibt, 14 ta' Awissu — Lejlet il-Festa**

8.30 p.m. — Mixgħela ġenerali. Il-baned **Queen Victoria** taż-Żurrieq u **San Nikola** tas-Siġġiewi, wara li jferrħu t-toroq tal-Imqabba b'marċi, jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

10.00 p.m. — Ħruq tal-murtali u beraq pront.

11.00 p.m. — Ħruq ta' logħob tan-nar artistiku.

**Ħadd, 15 ta' Awissu — Jum il-Festa**

6.00 p.m. — Mixgħela ġenerali. Il-baned **Queen Victoria** u **San Nikola** jdoqqu marċi u jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

7.30 p.m. — Waqt il-ħruġ tal-Proċessjoni tindaqq l-**Ave Maris Stella** bil-kant tal-Kor tax-Xebbiet mir-Raħal. Meta l-Proċessjoni tasal ħdejn il-Każin King George V, il-**Banda Queen Victoria** ddoqq **Innu lil Sta. Marija Assunta** miktub mir-**Rev. Patri G.M. Ghigo S.J.**, u mużikat mis-Surmast **Kav. George Martin A. Mus., L.C.M.** Ikantaw fih it-**Tenur Andrew Sapiano** u l-**Baritonu Joe Fenech** mal-Kor tax-Xebbiet mir-Raħal. Waqt il-proċessjoni jsir sparar ta' musketterija, ħruq ta' kaxxi infernali, murtaletti u beraq pront.

N.B. (i) Sett ta' marċi u l-Innu lil S. Marija Assunta għandhom jinstemgħu fuq il-Cable Radio dak inhar tal-Festa fl-10.00 a.m. Iddoqq il-Banda King George V taħt id-direzzjoni tas-Surmast Kav. G. Martin A. Mus., L.C.M.

(ii) Il-logħob tan-nar, il-kaxxi nfernali u l-beraq pront huma kollha xogħol tad-**Dilettanti tas-Soċjetà Santa Marija.**

# FESTI TA' GOL-KNISJA

**Ġimgħa, 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina**

6.30 p.m. — Quddiesa Kantata Solenni. Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
7.30 p.m. — Isir **il-ħruġ tal-istatwa ta' Santa Marija.** Kant tal-**Ave Maris Stella** u Antifona.

**Erbgħa, 11 ta' Awissu — L-Ewwel Jum tat-Tridu**

7.00 p.m. — Quddiesa Kantata speċjali għat-Tfal tal-Parroċċa mill-**W.R. Kan. Kantur Giovanni Borg** bl-omelija "Marija, Verġni u Omm."
7.45 p.m. — Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Ħamis, 12 ta' Awissu — It-Tieni Jum tat-Tridu**

7.00 a.m. — Quddiesa Kantata Solenni.
7.00 p.m. — Quddiesa Kantata mill-**W.R. Kan. Giovanni Ciarlò ,B.A., Lic.D.,** għall-Membri tal-Għaqdiet tal-Appostolat, bl-omelija fuq "Marija, Sultana tal-Appostli".
7.45 p.m. — Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Ġimgħa, 13 ta' Awissu — It-Tielet Jum tat-Tridu**

7.00 a.m. — Kollox bħall-jum ta' qabel.
7.00 p.m. — Quddiesa Kantata speċjali għall-Morda u x-Xjuħ mill-**W.R. Kan. Antonio Saliba** bl-Omelija fuq "Marija Saħħa tal-Morda". Fl-istess Quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda.
7.45 p.m. — Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Sibt, 14 ta' Awissu — Lejlet il-Festa**

8.00 a.m. — Quddiesa Kantata Solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa, il-**W.R. Dun Anton Vella.** Kant tat-**Te Deum,** b'ringrazzjament u għeluq tat-Tridu, Innu u Antifona.

6.30 p.m. — Translazzjoni Solenni tar-Relikwija u Quddiesa Kantata Solenni. Jiffunzjona l-**W.R. Mons. Prof. Carmelo Sant, B.A., D.D., S.S.D.** Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Barka Sagramentali.

**Ħadd, 15 ta' Awissu — Jum il-Festa**

5.00 a.m., 6.00 a.m., 7.00 a.m. — Quddies.

8.00 a.m. — Kant Solenni tal-Lawdi.

9.00 a.m. — Konċelebrazzjoni Solenni u Pontifikali bil-Paneġirku, immexxija mill-**W.R. Mons. Salv. Farrugia, Ph.d., J.C.D., S.T.D.**

10.30 a.m., 11.30 a.m., u 12.30 p.m. — Quddies.

6.30 p.m. — Sekondi Vespri Solenni mill-**W.R. Mons. Prof. Carmelo Sant.**

7.30 p.m. — Proċessjoni bl-istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa, immexxija mill-istess Monsinjur.

10.15 p.m. — Ċelebrazzjoni Ewkaristika u bews tar-Relikwija.

N.B. (1)F'lejlet il-Festa jkun hawn **konfessuri barranin** għall-Qrar.

(2) Il-mużika tat-Tridu, Lejlet u Nhar il-Festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-**W.R. Patri Salv. Galea O..P., L.R.S.M.**

**Ħadd, 22 ta' Awissu — L-Ottava tal-Festa**

5.00 p.m.— Quddiesa Kantata Solenni, Repożizzjoni tar-Relikwija, "Te Deum", u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

# RENDIKONT - FESTA - "S. MARIJA" - 1975

**Ħruġ:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Orkestra | £M121 | 55 | 0 |
| Trasport għall-Orkestra | 12 | 00 | 0 |
| Personnel Barrani | 28 | 00 | 0 |
| Xogħol ta' Stampa | 8 | 00 | 0 |
| Lill-Villa Papa Giovanni | 10 | 00 | 0 |
| **Servizzi fil-Knisja** | | | |
| Kwindiċina u Festa | 20 | 75 | 0 |
| Fjuri, Xemgħa u Dwal | 19 | 00 | 0 |
| Organista: Kwindiċina | 15 | 00 | 0 |
| Armar fil-Knisja | 10 | 00 | 0 |
| Daqq ta' Qniepen | 5 | 00 | 0 |
| Xorb | 2 | 86 | 0 |
| Ħruġ Totali | £M252 | 16 | 0 |

**Dħul**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ġbir bl-envelopes | £M262 | 52 | 7 |
| Reklam | 6 | 80 | 0 |
| Ġbir mix-Xebbiet | 22 | 00 | 0 |
| Għall-Konsum, mill-Każin K.G.V. | 5 | 00 | 0 |
| Bilanċ tas-sena ta' qabel | 28 | 25 | 0 |
| Dħul Totali | £M324 | 57 | 7 |
| Ħruġ Totali | 252 | 16 | 0 |
| Bilanċ | £M 72 | 41 | 7 |

Nirringrazzja lil kull min għen mill-aħjar li seta'.

**Dun Anton Vella**
Kappillan

# MARIJA IL-MARA L-GDIDA

**(Siltiet mill-Ktejjeb tal-Prof. Dun Karm Sant)**

Fi Frar tal-1974 il-Papa ħareġ l-Eżortazzjoni Apostolika **Marialis Cultus** bl-iskop li jġedded u jirriforma l-qima lejn Marija fuq bażi biblika u teoloġika soda. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu jitilqu minn dan il-prinċipju li ġej: Il-Knisja minn dejjem qiegħdet lill-Verġni Marija quddiem il-fidili bħala xempju għal ħajjithom mhux preċiżament minħabba x-xorta ta' ħajja li hija kienet tgħix, u wisq inqas minħabba l-isfond soċjo-kulturali tagħha, li llum m'għadek issib tista' tgħid imkien fid-dinja. Għall-kuntrarju, l-Knisja tqegħidha bħala xempju għall-fidili l-aktar għall-mod kif hija, fil-ħajja partikulari tagħha, laqgħet fil-mija tagħha u bir-responsabbiltà kollha r-rieda ta' Alla, għax hi semgħet il-kelma ta Alla, laqgħetha u wettqitha, kif ukoll għax f'kulma għamlet, Marija kienet immexxija mill-ispirtu ta' mħabba u ta' servizz. Il-Madonna jisthoqqilha li wieħed jimitaha għax hi l-ewwel u l-aktar perfetta fost id-dixxipli ta' Kristu . . .

### Marija Għarusa ta' Ġużeppi

. . . Bejn Marija u Ġużeppi kien hemm il-vera mħabba konjugali li tagħmel mill-miżżewġin qalb waħda u ruħ waħda, fi kliem Pawlu VI, kien hemm "l-imħabba qawwija u kasta taż-żwieġ". Kienet din l-imħabba li rabtet lil Marija u 'l Ġużeppi flimkien u għamlithom kapaċi jaqsmu flimkien il-ferħ u n-niket fil-qadi tal-vokazzjoni tagħhom fil-pjan tas-salvazzjoni u għamlet mill-għaqda tagħhom żwieġ veru u mhux sempliċement rabta legali.

### Marija Verġni

. . . Skond il-Vanġelu, il-Verġnità ta' Marija fit-tnissil ta' Ġesù hi ċerta . . . Il-Verġnità ta' Marija hi s-sinjal tal-preżenza t'Alla magħna, Għimmanuel, il-qawwa u l-imħabba tiegħu lejna; u biex tibqa' sinjal ħaj ta' dawn l-attributi

u l-opra salvifika t'Alla, Marija ssagrifikat il-ħajja ta' miżżewġa ma' Ġużeppi biex tobdi r-rieda ta' Alla: kif jgħidilna l-Papa fl-istess Eżortazzjoni, dan l-att ta' Marija ma kienx ġej miċ-ċaħda tal-valuri taż-żwieġ, iżda kienet għażla qalbenija biex tkun ikkonsagrata kollha kemm hi għall-imħabba ta' Alla. Din l-għażla ta' Marija refgħet lilha u lil żewġha, li aċċettaha, f'livell straordinarju ta' spiritwalità. Baqgħu miżżewġin, iżda daħlu fil-pjan tar-Redenzjoni, u mħabbithom saret għodda f'idejn Alla għat-trobbija ta' Ġesù f'atmosfera ta' mħabba umana u divina . . . .

### Marija Omm Ġesù

. . . L-Evanġelisti ma jagħtuha ebda titolu ieħor ħlief: Marija Omm Ġesù. Marija aċċettat b'kunsens liberu li tkun omm l-Iben ta' Alla u minn dak il-ħin stess hi nissli'u f'ġufha bl-opra setgħana ta' Alla u bil-jedd kollu setgħet tgħid għal Ġesù: "Dan hu għadam minn għadmi, u laħam minn laħmi"; u demmu ġera ġo demmha, demmha ġo demmu. Għal disa' xhur sħaħ hi kienet l-arka tal-Patt il-Ġdid, bil-preżenza ta' Alla ġo fiha . . . Il-maternita' ta' Marija ma kinetx biss għajn ta' hena u paċi tal-qalb; switilha wkoll sagrifiċċju sa mill-ewwel jiem tal-eżistenza ta' Ġesù . . .

### Il-Bniedma l-Ġdida

Marija mela kienet l-għarusa ta' Ġużeppi, il-Verġni għarusa tal-Ispirtu s-Santu, l-omm ta' Ġesù; dawn kienu tliet għażliet minn rajha . . . Marija hi l-mudell tal-mara nisranija, imsejħa hija wkoll biex tkun il-qaddejja tal-Mulej; biex biha Alla jinqeda ħalli jwassal lil Kristu lill-bnedmin; imsejħa biex bil-ħajja tagħha ta' verġni jew mara miżżewġa tħobbb' qalb safja, iġġib il-ħajja fid-dinja, tnissel 'il Ġesù l-ewwel f'qalbha mbagħad f'uliedha, taqbeż għall-batut u tgħinu, issofri bil-kuraġġ, u tirrifletti fuq il-misteri kbar li jseħħu fiha u madwarha: il-misteru tal-imħabba konjugali, sinjal u frott tal-imħabba ta' Kristu lejn il-Knisja, u bil-Knisja lejn Kristu, il-misteru tal-ħajja.

# The independent cooker from Philips.

Independent, because it makes its own gas from kerosene. So you can use it anywhere. In country or town. The unique automatic gasifier system converts the low-cost fuel into safe, odourless gas. Simply light the pilot burner, then the cooker is always ready for immediate use.

The three-burner hob, plus a spacious oven with large window and built-in thermometer, give you all the facilities you need for versatile cooking. The Philips kerosene cooker is economical, easy to use and - most important of all - absolutely safe. See it at your dealer's today.



**Malta & Gozo Philips Showrooms 282, Republic Str., Valletta and Philips dealers throughout**

**PHILIPS** We want you to have the best

HW 75-19

# INNU LIL-MARIJA ASSUNTA

**Esegwit mill-Banda "King George V" ta' l-Imqabba, fl-okkażjoni ta' l-ewwel Festa fuq il-proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Assunzjoni mill-Papa Piju XII.**

(rit.) Ħallina ntennulek, Marija
Din l-għanja li ssawret mas-snin,
Irridu ngħallmuha 'l uliedna
Biex biha jsellmulek kull ħin!
Int għextha ġo qalbek
Il-ħajja tal-Fidwa,
U qalbek intgħasret
F'demm Ibnek Mislub,
Għalhekk qomt sabiħa
Mir-raqda tal-qabar,
Rebbieħa bħal Ibnek
Mill-mewt u mid-dnub.

(rit.) Ħallina ntennulek......
Miksija bid-dija
Li żżernaq fil-ġenna,
Imdawra mill-anġli
Għannejja tas-Sliem,
Titwieżen fuq sħaba,
Bħas-silġ bajdanija,
Int tlajt ġewwa d-difa
as-sema bla tmiem.

(rit.) Ħallina ntennulek......
Id-dinja bik tifraħ,
Tissieħeb ma' l-anġli,
Biex tqiegħed fuq rasek
Kuruna ta' ġieħ,
U lilek issellem,
Omm Alla Sultana,
Mogħnija bis-setgħa
Ta' Driegħu rebbieħ.

(rit. Ħallina ntennulek......

JOSEPH M. GHIGO, S.J.

Nihil Obstat.
Die Aprilis, 1949.
P. Alfonsus M. Camilleri, O.F.M.
Cens. Theol.

Stamperija "Il-Ħajja"